# L-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin

## Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex



Ottubru 2021



# Messaġġ mill-Ministru għall-Edukazzjoni

Ninsab konxja sew li l-iżvilupp tas-soċjetà, tal-ekonomija u tal-ambjent, jinfluwenzaw direttament l-iżvilupp tat-tfal u b'konsegwenza l-benesseri tal-adulti ta' għada. Is-snin bikrin huma l-punt tat-tluq għas-suċċess fit-tagħlim tul il-ħajja u huma integrali fl-indirizzar tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. L-investiment fit-tfal żgħar, fis-salvagwardja u t-twettiq tad-drittijiet tagħhom b'modi prattiċi, flimkien mal-iżgurar tal-aqwa pedamenti għall-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp olistiku, iħeġġu l-ħtieġa għal Qafas ta' Politika Nazzjonali għall-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (ECEC).

Huwa f'dan il-kuntest li jien approvajt l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' dan il-qafas ta' politika għas-snin bikrin, li huwa l-ewwel pass lejn provvediment komprensiv ta' kwalità għolja tal-ECEC f'kuntest Malti.

Il-ħsieb wara din il-politika huwa li tiġi indirizzata l-ħtieġa fundamentali għal rispons multisettorjali, inkorporat f'sistema integrata tal-ECEC. L-approċċ ta' disinn demokratiku, sistematiku u universali jistabbilixxi fehim kondiviż ta' ECEC ta' kwalità kif ukoll joħloq kollaborazzjoni aktar vitali mal-familji u fost il-partijiet interessati kollha, se jipprovdi direzzjoni ċara li tikseb l-impatt mixtieq permezz ta' azzjoni strateġika.

Barra minn hekk, dan il-qafas ta' politika, ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal huwa opportunità biex jiġi mmassimizzat l-iżvilupp tat-tfal żgħar li se jkollu impatt profond fuq it-tagħlim, is-saħħa u l-potenzjal ta' qligħ fil-futur tagħhom u li jista' jipperpetwa benefiċċji interġenerazzjonali. Dan se jikkontribwixxi wkoll fl-indirizzar tal-Pjan ta' Azzjoni G20 dwar l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2016).

Dan huwa qafas ta' politika ambizzjuż u ta' sfida. Madankollu, ninsab fiduċjuża li l-partijiet interessati kollha se jaħdmu flimkien mill-qrib biex jadottaw u jimplimentaw din l-istrateġija u li ladarba tiġi adottata, aħna se jkollna għodod ta' tagħlim imtejba għall-iżvilupp tat-tfal tagħna u konsegwentement għall-benesseri tal-adulti ta' għada.

.



**Dr Justyne Caruana**

# Membri tal-kumitat ta' ħidma

| | |
|---|---|
| Dr Jacqueline Vanhear | Chairperson<br>Direttur, Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) |
| Ms Solange Bonello | Maniġer Riċerka, Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) |
| Ms Anne Marie Cassar | Direttur, L-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità,<br>Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) |
| Dr Rosienne C. Farrugia | Lettur Akkademiku Residenti, Dipartiment tat-Tfulija Bikrija u l-Edukazzjoni Primarja, Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta |
| Ms Josanne Ghirxi | Direttur, Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Iskejjel, Direttorat għas-Servizzi Edukattivi (DES) |
| Ms Tanya Mangion | Uffiċjal Edukattiv, Snin Bikrin, Dipartiment tal-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar (DLAP) |
| Mr Dermot Galea | Kap Eżekuttiv, Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) |
| Mr David Chircop | Kap tal-Programmi, Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES) |
| Ms Dorianne Cachia,<br>Mr Anthony Grech,<br>Dr Carlos Grima,<br>Ms Bernardette Mercieca | Uffiċjali Edukattivi, Dipartiment tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità, Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni (DQSE) |

## Proċess ta' Konsultazzjoni Pubblika

L-abbozz tal-Qafas ta' Politika Nazzjonali għall-Edukazzjoni u l-Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (0–7 snin) għal Malta u Għawdex ġie ppubblikat fid-dominju pubbliku fil-21 ta' Mejju 2021. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni permezz tad-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni wettaq konsultazzjoni pubblika online permezz tas-sit www.konsultazzjoni.gov.mt  għal perjodu ta' sitt ġimgħat. Il-pubbliku seta' jipparteċipa permezz ta' stħarriġ online, jew billi jibgħat il-kunsiderazzjonijiet u l-kummenti tiegħu bil-posta jew permezz ta' email.

Ir-rispons miġbur ġie analizzat u diskuss fost il-membri tal-kumitat ta' ħidma tal-ECEC u rriżulta f'din il-verżjoni ffinalizzata.

# Introduzzjoni

## Il-prinċipji u l-viżjoni li jirfdu dan il-qafas ta' politika

Wieħed mill-aktar perjodi kritiċi fit-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal huwa mit-twelid sa seba' snin.[1] Dan il-perjodu qasir fil-ħajja tat-tfal jistabbilixxi l-pedament u jimpatta fuq it-trajettorja ġenerali tal-ħajja tagħhom b'varjetà ta' modi. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-ebda żewġt itfal ma jitgħallmu bl-istess mod jew jiżviluppaw eżatt fl-istess żmien, l-esperjenzi matul l-ewwel seba' snin tal- ħajja jiffurmaw l-istruttura u l-iżvilupp tal-moħħ u l-kapaċitajiet ewlenin li t-tfal jeħtieġu biex jiksbu riżultati aħjar u biex jiffunzjonaw tajjeb fis-soċjetà aktar tard fil-ħajja.[2]

Ir-riċerka turi li l-investiment fis-snin bikrin huwa wieħed mill-interventi l-aktar kosteffettivi li pajjiż jista' jagħmel biex jipproduċi l-ogħla redditu ekonomiku mill-kapital uman, meta mqabbel ma' investimenti magħmula fi stadji aktar tard fil-ħajja.[3] L-esperjenzi tas-snin bikrin, b'mod partikolari matul l-ewwel seba' snin tal-ħajja tat-tfal, għandhom impatt qawwi minħabba l-veloċità bla preċedent li biha jiżviluppa l-moħħ għaliex dan jaffettwa t-tagħlim, is-saħħa, l-imġiba u konsegwentement, il-kapital soċjali u d-dħul finanzjarju tagħhom.[4] B'dan il-ħsieb, il-prinċipju ewlieni li fuqu huwa bbażat dan id-dokument iqis lit-tfal żgħar bħala detenturi tad-drittijiet, kompetenti, kapaċi u mwielda b'potenzjal bla limitu. Barra minn hekk, dan il-qafas ta' politika jqis ukoll li anke f'ċirkostanzi straordinarji partikolari bħal dawk ippreżentati matul il-pandemija globali, l-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal fis-snin bikrin jistgħu jinżammu u jiġu appoġġati permezz ta' sforzi kollaborattivi li jistgħu jtaffu l-impatti fuq it-tfal żgħar kemm f'terminu qasir kif ukoll twil.




*Illustrazzjoni 1: Nurturing Care Framework (NCF), 2018*

Malta hija gżira li tinvesti b'mod ġeneruż fil-kapital uman, għax tirrikonoxxi li din hija r-riżorsa primarja tal-gżira. Hija din il-viżjoni li ninvestu fit-tfal żgħar, nissalvagwardjaw u nwettqu d-drittijiet[5] tagħhom b'modi prattiċi kif ukoll nassiguraw l-aqwa pedamenti għall-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tagħhom li jħeġġu l-ħtieġa ta' Qafas ta' Politika Nazzjonali għall-Edukazzjoni u l-Ħarsientat-Tfal fis-Snin Bikrin (ECEC) f'Malta.

Huwa evidenti li l-vantaġġi potenzjali ta' ECEC ta' kwalità għolja huma sinifikanti, estensivi u dejjiema (Vandenbroeck et al. 2018). L-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' dan il-qafas ta' politika għas-snin bikrin huwa l-ewwel pass lejn dispożizzjoni komprensiva ta' kwalità għolja tal-ECEC fil-kuntest Malti. L-għan huwa li tiġi indirizzata l-ħtieġa fundamentali għal rispons multisettorjali inkorporat f'sistema ta' ECEC integrata. Approċċ iddisinjat b'mod demokratiku, sistematiku u universali, li jistabbilixxi fehim kondiviż ta' ECEC ta' kwalità u li joħloq kollaborazzjoni aktar vitali mal-familji u fost il-partijiet interessati kollha, se jipprovdi direzzjoni ċara li tikseb l-impatt mixtieq permezz ta' azzjoni strateġika.

Barra minn hekk, dan il-qafas ta' politika qed jitqies bħala opportunità biex jiġi mmassimizzat l-iżvilupp tat-tfal żgħar li se jkollu impatt profond fuq il-potenzjal tat-tagħlim, is-saħħa u l-qligħ tagħhom fil-ġejjieni li jista' jipperpetwa benefiċċji interġenerazzjonali. Dan se jikkontribwixxi wkoll fl-indirizzar tal-Pjan ta' Azzjoni tal-G20 dwar l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2016). Il-

1 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2012) Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (2012, p. 45).
2 Center on the Developing Child, Università ta' Harvard disponibbli fuq https://developingchild.harvard.edu/.
3 Aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-riċerka relatata fuq https://heckmanequation.org/resource/the-heckman-curve/.
4 Il-Bank Dinji. 2016. Ritratt: Investiment fis-snin bikrin għat-tkabbir u l-produttività —http://documents.worldbank.org/curated/en/276471475756836740/Snapshot-investing-in-the-early-years-for%20-growth-and-productivity
5 Dan il-qafas ta' politika huwa ggwidat mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Kunsill tal-Ewropa, 1950) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) (UN, 1989).

mexxejja dinjija, inkluża t-tmexxija Maltija, approvaw dan il-pjan ta' azzjoni li għandu l-għan li jiżgura li "ħadd ma jitħalla jaqa' lura fl-isforzi biex jinqered il-faqar jinkiseb żvilupp sostenibbli u jinbena futur inklużiv u sostenibbli għal kulħadd".[6]

L-iżvilupp sostenibbli jirrikonoxxi d-dimensjonijiet interdipendenti tal-iżvilupp soċjali, il-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku li jaġixxu flimkien, u "kwalunkwe prattika u politika żviluppata mingħajr ma jittieħed kont ta' kull waħda minn dawn, x'aktarx li tiddgħajjef u tista' saħansitra tfalli" (Siraj - Blatchford et al. 2010 p.5). L-iżvilupp tas-soċjetà, tal-ekonomija u tal-ambjent jinfluwenzaw direttament l-iżvilupp tat-tfal u konsegwentement il-benesseri tal-adulti ta' għada. Is-snin bikrin huma l-punt tat-tluq għat-tagħlim tul il-ħajja ta' success u huwa integrali fl-indirizzar tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli li t-tfal jitqiesu bħala kompetenti, detenturi tad-drittijiet u l-aġenti tal-bidla.

Dan il-qafas ta' politika ambizzjuż huwa tassew ta' sfida u l-kumitat li qed jaħdem fuq il-qafas ta' politika qabel b'mod unanimu li bħala punt ta' tluq jeħtieġ li wieħed jiġbor il-vuċi awtentikia tat-tfal fir-rigward ta' dak li dan id-dokument se jipprova jindirizza u jikseb. Huwa dan l-approċċ li mexxa dan id-dokument, flimkien ma' twemmin sod li meta niffukaw fuq dak li jgħidu t-tfal, is-settur tal-ECEC f'Malta se jkompli jiżviluppa. Għal dan il-għan, inġabru l-vuċijiet tat-tfal żgħar minn ambjenti tas-snin bikrin minn fost it-tliet setturi differenti jiġifieri dak tal-istat, tal-knisja u dak indipendenti fi sforz biex nifhmu l-fehmiet u l-esperjenzi tat-tfal li jgħixu fil-gżejjer Maltin. Għaldaqstant din id-data ntużat biex tinforma l-abbozz ta' dan il-qafas ta' politika.

B'segwitu għar- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal, li ġiet adottata mill-Ministri għall-Edukazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fl-2019, dan il-qafas ta' politika jindirizza ħames għanijiet, jiġifieri: L-Aċċess, il-Persunal il-Kurrikulu, il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni u l-Governanza u l-Finanzjament. Kull għan ġie mfassal apposta filwaqt li żammejna dejjem f'moħħna tliet prinċipji ġenerali, li għandhom l-istess importanza għal implimentazzjoni ta' suċċess, jiġifieri: approċċ multisettorjali għall-forniment tas-servizzi tal-ECEC, disinn[7] ta' approċċ universali fejn kull tifel jew tifla ikollu sens t'appartenenza u li ninvolvu ruħna mal-ġenituri bħala msieħba fil-vjaġġ edukattiv tat-tfal tagħhom.

## Approċċ multisettorjali għall-ECEC

Il-kumitat ta' ħidma li abbozza dan id-dokument ta' qafas ta' politika kien konxju li l-evidenza tar-riċerka tissuġġerixxi li s-sistemi tal-ECEC huma aktar effettivi meta jkun hemm kollaborazzjoni multisettorjali. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jenfasizzaw li approċċ multisettorjali jippermetti "l-gvernijiet jorganizzaw u jamministraw il-politiki b'mod aktar sempliċi u effiċjenti, u jikkombinaw ir-riżorsi għat-tfal u l-familji tagħhom" (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, 2011, p. 7).



*Figure 2: A multi-sectoral approach (NCF, 2018)*

Li tqarreb diversi sistemi lejn xulxin u li żżomm il-benesseri ġenerali ta' kull tifel/tifla individwali fiċ-ċentru tal-attenzjoni, joħloq fehim komuni ta' kwalità interkonnessa fil-proċess ta' żvilupp. Għalhekk, approċċ multisettorjali huwa kkaratterizzat f'kull għan b'viżjoni li jiġi ffaċilitat provvediment tal-ECEC ta' kwalità għolja u jappoġġa kollaborazzjoni aktar koerenti u komprensiva fost il-ħafna aspetti interkonnessi tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal.

Il-Fond Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF) u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) jenfasizzaw li dak li jiġri fl-ewwel snin jaffettwa lit-tfal għall-ħajja kollha tagħhom u għalhekk l-interventi jridu jkunu multisettorjali biex ikunu l-aktar effettivi:

6 Il-Pjan ta' Azzjoni tal-G20 dwar l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2016) — https://www.b20germany.org/fileadmin/user_upload/G20_Action_Plan_on_the_2030_Agenda_for_Sustainable_Development.pdf.

7 It-tfassil tal-għanijiet kien iggwidat mill-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017.

*"L-iżvilupp b'saħħtu tal-moħħ tat-tfal jiddependi fuq diversi esperjenzi pożittivi. In-nutrizzjoni titma' l-moħħ; l-istimulazzjoni tqanqal il-moħħ; l-imħabba u l-protezzjoni tneħħi l-impatt negattiv tal-istress u d-diffikultajiet. U interventi distinti jappoġġaw lil xulxin, u jiksbu l-aktar riżultati b'saħħithom meta jitwasslu flimkien." (Lake & Chan, 2014, p.1)*

B'konsegwenza, il-kisba tal-għanijiet f'dan il-qafas ta' politika se tiddependi ħafna fuq approċċ multisettorjali u qed jiġi rrakkomandat li l-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu jieħu r-rwol ewlieni f'dan l-approċċ.

## Fejn jappartjeni kull tifel u tifla

Dan il-qafas ta' politika ġie abbozzat biex iżomm fuq quddiem nett il-kunċett li l-inklużjoni hija vjaġġ li jwassal għal deċiżjonijiet pożittivi kif ukoll huwa ta' sfida għall-ekwità u l-aċċettazzjoni. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji, Malta għamlet passi kbar fl-edukazzjoni inklużiva. F'dawn l-aħħar snin, ġew adottati diversi miżuri biex jindirizzaw kwistjonijiet bħall-assenteiżmu, l-aċċessibbiltà, u r-rispons għad-diversità. Dawn il-miżuri jipprovdu ħarsa lejn il-politiki u l-prattiki attwali.

L-approċċ sistematiku għall-inklużjoni u l-ekwità huwa strumentali biex jipprovdu l-pedamenti sodi għal edukazzjoni ta' kwalità. L-ekwità tiżgura opportunitajiet indaqs għas-suċċess, b'ġustizzja individwali għall-istudenti kollha. Fir-rigward tar-rispons għad-diversità, it-tneħħija tal-ostakli u, fejn meħtieġ, il-forniment ta' akkomodazzjonijiet rilevanti biex jiġi żgurat aċċess ekwu għandhom jitqiesu bħala l-aktar strateġiji implimentati b'mod wiesa' biex jiġu kkultivati kulturi u ambjenti inklużivi fl-iskola, fejn l-istudenti jħossuhom sikuri, protetti u jkollhom l-opportunitajiet kollha biex jirnexxu.

Il-progress fir-rigward tal-inklużjoni u l-ekwità jeħtieġ strateġiji effettivi għall-implimentazzjoni. Malta nediet Politika u Qafas Nazzjonali dwar l-Inklużjoni fl-201[8]9, li tippreżenta oqsma ewlenin lejn sistema ta' edukazzjoni inklużiva li tkun aċċessibbli u mfassla biex isaħħaħ il-ħiliet u tindirizza l-ħtiġijiet ta' kull tifel/tifla individwali. Dawn id-dokumenti huma bbażati fuq il-konvinzjoni li l-istudenti kollha huma intitolati li jesperjenzaw is-suċċess permezz ta' aċċess ekwu biex isiru studenti esperti permezz ta' ambjent ta' tagħlim reżiljenti li kapaċi jwieġeb għall-modi differenti li bihom l-istudenti jippreferu jitgħallmu. Dan l-Ambjent Inklużiv u Learning-Friendly li jutilizza Disinn Universali għat-Tagħlim (Meyer et al., 2014) itejjeb l-aċċessibbiltà u jneħħi l-ostakli kurrikulari, soċjali u fiżiċi li jxekklu l-inklużjoni.

## L-Involviment tal-ġenituri — Ġenituri bħala msieħba

Il-ġenituri huma primarjament responsabbli għas-saħħa, in-nutrizzjoni, is-sigurtà, is-sikurezza, il-benesseri, u l-opportunitajiet għat-tagħlim bikri tat-tfal tagħhom. Huma għandhom rwol fundamentali fl-iżvilupp bikri tat-tfal tagħhom permezz tal-istil tagħhom bħala ġenitur, l-ambjent tad-dar li joħolqu u l-attitudnijiet u l-valuri li huma jgħaddu lil uliedhom. Id-dispożizzjoni tal-ECEC għandha rwol vitali fl-appoġġ li tipprovdi lill-ġenituri fir-rwol tagħhom bħala dawk li jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom u bħala l-ewwel edukaturi. Dan jipprovdi opportunità unika biex ikunu stabbiliti sħubijiet b'saħħithom mal-ġenituri bbażati fuq ir-rispett reċiproku u jippromwovu komunikazzjoni konsistenti bejn iż-żewġ naħat, bejn l-edukaturi u l-ġenituri fl-ECEC. Opportunitajiet sinifikanti u regolari għall-involviment attiv fit-tagħlim u fl-iżvilupp tat-tfal huma elementi essenzjali fir-relazzjoni bejn il-ġenituri u l-prattikanti.

*"Il-ġenituri u l-membri oħra fil-komunità… għandhom l-assi u l-għarfien espert li huma essenzjali għas-sħubija… Huma għandhom dak l-għarfien dwar it-tfal tagħhom li ma jkunx disponibbli għal ħaddieħor. Huma għandhom l-impenn u l-interess personali fis-suċċess ta' wliedhom, u għandhom ukoll għarfien u ħiliet siewja x'jikkontribwixxu." (Fullan, 2016, p.159).*

Barra minn hekk, il-letteratura estensiva tipprovdi evidenza li ġenituri li huma impenjati u involuti b'mod

8 Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (2019). Politika dwar l-edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel: rotta għall-inklużjoni ta' kwalità. Il-Furjana. Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2019). Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva. Il-Furjana.

attiv se jkollhom tfal li jmorru aħjar akkademikament u li jtejbu l-kompetenzi soċjali (McDowell et al., 2018). F'dan il-kuntest, dan il-qafas ta' politika tal-ECEC ġie abbozzat bit-twemmin li l-ġenituri kollha, irrispettivament mill-kapaċità, l-istatus soċjali, soċjoekonomiku, kulturali u reliġjuż tagħhom, għandhom ikunu fdati u apprezzati bħala msieħba fl-aspetti kollha tal-edukazzjoni u l-ħarsien tat-tfal tagħhom. Il-politiki, is-servizzi u l-prattiki kollha tal-ECEC għandhom jiġu ppjanati, żviluppati u implimentati filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-ġenituri huma l-aktar partijiet involuti li huma importanti, u li l-ħidma fi sħubija magħhom se tipprovdi esperjenza edukattiva olistika li hija essenzjali għall-benesseri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal kollha. Dan jimxi b'mod parallel mal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (2012, p. 43)[9] li jindika li l-interazzjoni tal-ġenituri huwa fattur ewlieni għall-iżvilupp edukattiv u ta' suċċess tal-istudenti.




*Illustrazzjoni 3: L-Implimentazzjoni proposta tal-politika permezz ta' pjan t'azzjoni strateġiku*

## X'se jiġri wara?

Il-kumitat ta' ħidma jqis dan il-qafas ta' politika bħala dokument prekursur li jwassal għal viżjoni nazzjonali kondiviża għall-ECEC f'Malta. Dan id-dokument identifika ħames għanijiet primarji fil-kisba tal-viżjoni nazzjonali u l-pass li jmiss huwa li dawn l-għanijiet jiġu tradotti f'azzjoni.

L-implimentazzjoni effettiva tal-politika hija ta' importanza kritika. Għalhekk, qed jiġi rakkomandat li jiġi stabbilit tim għal dan il-għan.

Dan it-tim se jingħata l-kompitu li joħloq  pjan ta' azzjoni strateġiku li jservi bħala pjan direzzjonali biex jintlaħaq bis-sħiħ kull għan f'kollaborazzjoni ma' ministeri oħra tal-gvern u partijiet interessati rilevanti.

Il-pjan t'azzjoni strateġiku għandu jindirizza kull għan billi jidentifika l-isfidi, jikkomunika mas-sistema usa' permezz ta' approċċ multisettorjali, iżomm rabtiet b'saħħithom mal-edukaturi u l-partijiet interessati, jevalwa regolarment il-progress miksub, jippjana l-implimentazzjoni fuq perjodu speċifiku ta' snin, u jistabbilixxi miri li jinvolvu ministeri governattivi differenti.



9 Ministry for Education and Employment (MEDE) (2012) A National Curriculum Framework for All.

# Glossarju tat-Termini

**Approċċ amministrattiv globali**: reazzjoni integrali tal-gvern għall-kwistjonijiet tal-ECEC. Dan jinvolvi ministeri/aġenziji tas-servizz pubbliku differenti li jaħdmu bejn il-konfini tal-portafoll biex jintlaħaq għan komuni. Dan għandu l-għan li tinkiseb koerenza politika sabiex tittejjeb l-effettività u l-effiċjenza tal-politiki, l-istandards u s-servizzi tal-ECEC.[10]

**Approċċ tas-soċjetà sħiħa**: il-partijiet interessati rilevanti kollha li jaħdmu biex jappoġġaw l-isforzi nazzjonali fir-rigward tal-politiki, l-istandards u s-servizzi tal-ECEC. Dan isaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati, sabiex l-isforzi tagħhom isiru aktar effettivi. Dawn il-partijiet interessati jinkludu individwi, familji, komunitajiet, organizzazzjonijiet intergovernattivi, istituzzjonijiet reliġjużi, is-soċjetà ċivili, l-akkademja, il-midja, l-assoċjazzjonijiet volontarji, u - fejn xieraq -is-settur privat u l-industrija.[11]

**Data kwantitattiva u kwalitattiva**: data ġġenerata mill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kwalità strutturali u proċesswali tal-forniment tas-servizzi tal-ECEC sabiex jiġu stabbiliti fatti, xejriet, u evidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ECEC.

**Disinn Universali**: approċċ ta' disinn li jintuża l-aktar ta' spiss fl-arkitettura li jirreferi għal ambjenti u spazji li huma ddisinjati b'mod proattiv biex jinħoloq l-inqas aċċess restrittiv għall-individwi fil-firxa l-aktar wiesgħa ta' sitwazzjonijiet mingħajr il-ħtieġa ta' modifika.[12]

**Disinn Universali għat-Tagħlim (UDL)**: qafas li jtejjeb u jottimizza t-tagħlim għal kulħadd ibbażat fuq għarfien xjentifiku dwar kif jitgħallmu l-bnedmin. Dan isaħħaħ lill-edukatur b'fehim ta' kif iseħħ it-tagħlim biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw u jesperjenzaw opportunitajiet ta' tagħlim sinifikanti u ta' sfida billi jkunu ppreżentati b'diversi mezzi ta' involviment, rikonoxximent kif ukoll azzjoni u espressjoni.

[13]**ECEC settings**: post fejn jingħata s-servizz tal-ECEC għat-tfal mit-twelid sal-età ta' seba' snin. Il-biċċa l-kbira tas-settings tal-ECEC f'Malta tipikament jaqgħu f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- servizz pubbliku jew privat ibbażat u operat f'ċentru, jew operat u bbażat fuq post tax-xogħol, għal tfal taħt it-tliet snin,
- setting ta' kindergarten li huwa operat u propjetà tal-Istat, tal-Knisja jew Indipendenti għal tfal bejn it-tlieta u l-ħames snin, li huwa standalone jew inkella jifforma parti minn stabbiliment edukattiv akbar,
- l-ewwel sentejn tal-edukazzjoni primarja obbligatorja fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja jew Indipendenti għal tfal bejn ħames u seba' snin.

**Edukaturi tal-ECEC**: individwi involuti fil-prattika ta' professjoni fi ħdan setting tal-ECEC.

**Edukazzjoni u Ħarsien tat-Tfal fis-Snin Bikrin (ECEC):** F'Malta, dan jinkludi l-provvista tas-servizz għat-tfal mit-twelid sal-ewwel sentejn tal-edukazzjoni primarja, li taqa' fi ħdan qafas regolatorju nazzjonali.[14]

**Familja**: persuna jew grupp ta' persuni li huma marbuta mat-tifel/tifla bioloġikament, b'parentela u/jew minħabba responsabbiltà ta' kura u trobbija.[15]

Familji vulnerabbli u emarġinati: familji li huma f'riskju ta' esklużjoni minħabba nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet u r-riżorsi kif ukoll huma mċaħħda minn opportunitajiet f'attivitajiet ekonomiċi, politiċi, kulturali u soċjali ewlenin.

---

10 L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2018). Inrawmu l-Kura Bikrija għall-Iżvilupp tat-Tfal: Qafas biex Ngħinu lit-Tfal Isalvaw u Jiffjorixxu biex Nittrasformaw is-Saħħa u l-Potenzjal tal-Bniedem. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa

11 ibid.

12 Ċentru għall-Eċċellenza fid-Disinn Universali disponibbli fuq http://universaldesign.ie/.

13 Disinn Universali għat-Tagħlim (UDL) disponibbli fuq www.cast.org

14 Adattata minn (Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice/Eurostat, 2014, p. 155).

15 Il-Ministeru għall-Familja, id-Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali (2017) Politika Nazzjonali tat-Tfal.

**Ġenitur**: fil-kuntest ta' din il-politika, it-terminu ġenitur jirreferi għall-persuna/i jew l-entità li hija/huma rikonoxxuta/i mill-Istat bħala responsabbli għall-kura u t-trobbija tat-tifel/tifla.[16]

**Il-kwalità tal-ECEC**: kunċett multidimensjonali li jinkludi:[17]

- il-kwalità strutturali: tqis kif l-istabbiliment tal-ECEC huwa mfassal u organizzat. Dan jinkludi l-kwalifiki u l-ħiliet tal-istaff, id-daqs tal-grupp tat-tfal, il-proporzjon tal-edukaturi mat-tfal, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, u l-politiki, il-proċeduri u l-prattiki li għandhom impatt dirett fuq l-organizzazzjoni tal-ambjent.
- il-kwalità tal-proċess: tqis l-aspetti li għandhom influwenza diretta fuq l-esperjenzi, il-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal. Dawn jinkludu r-relazzjonijiet bejn l-edukaturi u t-tfal, l-approċċ integrat lejn il-ħarsien u t-tagħlim, il-prattiki pedagoġiċi ta' kuljum, u l-ħidma fi sħubija mal-ġenituri.
- il-kwalità tar-riżultati: tqis ir-riżultati ta' żviluppi konjittivi, lingwistiċi, soċjali, emozzjonali, spiritwali u fiżiċi/ta' saħħa.

**Il-partijiet interessati**: dawk kollha li huma investiti fil-kura u l-edukazzjoni tat-tfal fl-ambjenti tal-ECEC, primarjament it-tfal infushom, il-ġenituri, il-familji, l-edukaturi u l-mexxejja edukattivi, il-fornituri tas-servizzi u l-membri tal-komunità.

**Indikaturi ta' evalwazzjoni**: kriterji li jinfurmaw il-ġudizzji tar-reviżuri esterni meta jevalwaw il-kwalità tal-forniment tas-servizzi tal-ECEC. Huma maħsuba wkoll biex jassistu l-evalwazzjoni interna tas-settings.

**Inklużjoni**: proċess kontinwu mmirat biex joffri edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd filwaqt li jirrispetta d-diversità u l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet differenti, il-karatteristiċi u l-aspettattivi tat-tagħlim tal-istudenti u l-komunitajiet, filwaqt li jelimina l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.[18]

**Kisbiet tat-tagħlim**: il-ħames riżultati wiesgħa ta' tagħlim taċ-ċiklu ta' Snin Bikrin huma l-gwida ġenerali għall-pedagoġija tal-edukaturi tal-ECEC. Dawn jinkludu

- Tfal li jiżviluppaw sens qawwi ta' identità
- Tfal li għandhom immaġni pożittiva tagħhom infushom
- Tfal li għandhom ħiliet soċjali
- Tfal li huma komunikaturi effettivi
- Tfal li jrawmu attitudnijiet pożittivi lejn it-tagħlim u jsiru studenti impenjati u kunfidenti.

**Koordinazzjoni multisettorjali**: il-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u/jew il-ministeri f'oqsma differenti tal-politika (eż. l-edukazzjoni, is-saħħa, is-soċjetà, il-finanzi) u setturi differenti (eż. privati, pubbliċi, terzi) kif ukoll il-ġenituri, l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri, il-komunitajiet u n-nies li jaħdmu flimkien biex jiksbu riżultati ta' politika.

**Mexxejja tal-ECEC**[19]: individwi b'responsabbiltà ewlenija għat-tmexxija amministrattiva, maniġerjali u edukattiva fi kwalunkwe qafas tal-ECEC. Bħala parti mir-rwol ta' tmexxija tagħhom, il-mexxejja edukattivi huma responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tas-setting tal-ECEC, it-tagħlim u l-benesseri tat-tfal, il-monitoraġġ u l-appoġġ tal-membri tal-istaff u l-kollaborazzjoni mal-ġenituri u l-professjonisti.

**Profiċjenti**: il-kapaċità li wieħed jikkomunika b'livell ta' preċiżjoni u bi standard adegwat kemm verbalment kif ukoll bil-miktub b'lingwa partikolari.

**Qafas integrat tal-kurrikulu tal-ECEC**: kurrikulu tal-ECEC, għat-tfal mit-twelid sa seba' snin, b'qafas pedagoġiku wiesa' li jistabbilixxi l-prinċipji għas-sostenn tal-iżvilupp olistiku tat-tfal

16 Ministeru għall-Familja, id-Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali (2017) Politika Nazzjonali tat-Tfal
17 Taguma, M, Litens, I & Makowiecki, K. (2013). Quality Matters in Early Childhood Education and Care. L-Iżvezja: OECD.
18 UNESCO-IBE, 2008, p.18.
19 Adattat mill-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, 2019. Data Ewlenija dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal fl-Ewropa — Edizzjoni tal-2019. Rapport tal-Eurydice. Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

permezz ta' prattiki edukattivi u ta' kura li jirrispondu għall-interessi, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tat-tfal.

**Qafas ta' kwalifika sistemiku**: sett ta' prinċipji u proċeduri standardizzati li jservu bħala strument għall-iżvilupp, il-klassifikazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi ta' livelli miftiehma b'kontinwità u kif definit fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki. L-għan huwa li tiġi żgurata l-komparabbiltà effettiva tal-kwalifiki.

**Sistema kompetenti**: Sistema tal-ECEC li għandha l-kompetenzi ewlenin fuq:[20]

- livell individwali: tkabbir professjonali kontinwu li jinkludi l-kapaċità u l-abbiltà tal-prattikanti individwali li jirriflettu u li jibnu fuq l-għarfien professjonali, il-prattika, u jiżviluppaw u juru valuri professjonali.
- livell istituzzjonali: id-diskussjoni u l-implimentazzjoni tal-viżjoni għall-prattika ta' kwalità, l-ippjanar għal bidliet fil-prattika ma' dawk involuti fis-setting (inkluż l-istaff u l-familji), id-dokumentazzjoni tal-bidliet u r-riflessjoni dwarhom, l-involviment kondiviż fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, u l-ħidma ma' oħrajn bħala komunità ta' tagħlim.
- livell interistituzzjonali: il-kooperazzjoni, il-kollaborazzjoni, u l-koordinazzjoni bejn ambjenti simili, bejn l-ambjenti fejn it-tranżizzjoni tat-tfal u l-familji (bħall-kindergarten u l-iskejjel primarji), bejn is-setturi (bħall-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali), bejn l-edukaturi u r-riċerkaturi, bejn dawk li jipprovdu t-taħriġ waqt is-servizz u dawk li jipprovdu t-taħriġ ta' qabel is-servizz, eċċ.
- il-livell ta' governanza u ta' politika: li jkun hemm politiki pubbliċi li huma koerenti u li jappoġġaw il-forza tax-xogħol kompetenti, il-kollaborazzjoni interistituzzjonali, u riżorsi adegwati (umani, strutturali, finanzjarji), jagħtu s-setgħa lill-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, jappoġġaw ir-riċerka applikata u jippromwovu approċċi ċċentrati fuq it-tfal u l-familja bħala l-pedament għas-servizzi tal-ECEC.

**Standards nazzjonali**: F'Malta, dawn jinkludu l-Istandards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum (2006) għal dawk li joffru servizzi tal-ECEC għal tfal taħt it-tliet snin u l-Istandards Nazzjonali ta' Kwalità għal dawk li joffru servizz tal-ECEC għal tfal minn tliet snin sa seba' snin, inkluż kwalunkwe aġġornament fil-futur għal dawn l-istandards.

**Tfal**: fil-kuntest ta' din il-politika, it-terminu tfal jirreferi għal kull bniedem mit-twelid sal-età ta' seba' snin.

**Tfal f'riskju ta' esklużjoni**:  it-tfal jistgħu jkunu f'riskju ta' esklużjoni minħabba ċ-ċirkostanzi individwali tagħhom jew minħabba li huma, jew il-familji tagħhom jappartjenu għal grupp li huwa żvantaġġat fis-soċjetà. Dawn it-tfal jistgħu jinkludu dawk b'diżabilità, bi problemi ta' saħħa mentali, f'kura alternattiva, f'riskju ta' negliġenza/abbuż, tfal migranti/persuni li jfittxu l-ażil mingħajr dokumenti, dawk li l-familji tagħhom jgħixu fil-faqar jew huma soċjalment żvantaġġati, dawk li l-familji tagħhom għandhom sfond ta' migrazzjoni u/jew tat-tieni lingwa, dawk li l-familji tagħhom għandhom aċċess limitat għas-servizzi, ir-Roma u t-tfal vjaġġaturi.[21]

20 Ionescu, M., Tankersley, D., Trikic Z, Vonta T., A Systemic Approach to Quality in Early Childhood Services for children from 3 to 10 years of age. Studju ta' Dokumentazzjoni dwar il-ħidma ta' ISSA dwar it-Titjib tal-Kwalità. Leiden: ISSA, 2018.

21 Il-Kummissjoni Ewropea, 2014. Proposta għal prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal. Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ewropea. ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/archive/documents/ecec-qualityframework_en.pdf.

# Għan 1: Aċċessibbiltà



L-aċċessibbiltà fl-ECEC tirreferi għall-provvediment ta' servizz li huwa affordabbli u disponibbli għat-tfal kollha u l-familji tagħhom. Dan jirrikjedi ambjenti mfassla fuq disinn universali li jaċċettaw u jadattaw għall-ħtiġijiet varji tat-tfal kollha u l-partijiet interessati oħra.

## 1.1 Aċċess ekwitabbli għad-dħul fl-ECEC

1.1.1 Aċċess ekwitabbli għall-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja tal-ECEC għat-tfal kollha, b'mod partikolari dawk li huma kkunsidrati f'riskju ta' esklużjoni.

## 1.2 Aċċess ekwitabbli għall-ambjent fiżiku

1.2.1 Ambjent fiżiku kemm ġewwa kif ukoll barra, li jippermetti lit-tfal kollha jkollhom aċċess għalih u jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fl-opportunitajiet ta' tagħlim u ħarsien offruti.

1.2.2 Riżorsi li huma aċċessibbli għat-tfal kollha u li jirrispettaw il-ħtiġijiet individwali ta' kull tifel/tifla.

1.2.3 Aċċess ekwu għal kulħadd biex jitgħallmu dwar, permezz ta' u fi ħdan ambjent diġitali.

## 1.3 Aċċess ekwitabbli għal opportunitajiet ta' tagħlim u ħarsien

1.3.1 Dispożizzjoni li hija bbażata fuq il-prinċipji tal-ekwità, l-inklużjoni, il-ġustizzja u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u hija ħielsa mill-preġudizzju, l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni.

1.3.2 Ir-rispett għad-diversità fejn it-tfal kollha huma apprezzati, u l-identità, il-lingwa, it-twemmin, u l-kultura tagħhom huma appoġġati f'kull ħin.

1.3.3 Aċċess ugwali għal esperjenzi edukattivi xierqa li huma sensittivi għall-ġeneru, għall-kulturi, lingwi u l-iżvilupp u li jappoġġaw l-iżvilupp olistiku tat-tfal.

1.3.4 Approċċ ta' disinn universali għall-ECEC sabiex it-tfal kollha jistgħu jkunu involuti b'mod sinifikanti u attiv f'firxa ta' esperjenzi pedagoġiċi b'saħħithom.

1.3.5 Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tat-tagħlim u tal-benesseri tat-tfal kollha, u t-tneħħija ta' kwalunkwe ostaklu li jista' jirrestrinġi l-aċċessibbiltà u l-involviment fl-esperjenzi ta' tagħlim offruti.

## 1.4 Aċċess ekwitabbli għall-familji kollha

1.4.1 Dispożizzjoni li tagħti valur u tirrispetta diversi strutturi tal-familja, il-vuċijiet, it-twemmin, il-prattiki u l-ħtiġijiet differenti.

1.4.2 Appoġġ għall-familji vulnerabbli u emarġinati biex ikollhom aċċess għall-provvediment ta' servizzi ta' kwalità għolja tal-ECEC.

1.4.3 Sħubija ġusta mal-ġenituri fil-firxa sħiħa ta' esperjenzi offruti.

1.4.4 Kollaborazzjoni kontinwa u multisettorjali fost il-korpi governattivi, u mal-NGOs, l-organizzazzjonijiet lokali, il-komunità, il-gruppi ta' appoġġ, u l-partijiet interessati rilevanti kollha sabiex il-familji kollha, inklużi dawk f'riskju, jingħataw il-gwida u l-appoġġ li jistgħu jeħtieġu.



# Għan 2: Il-Forza tax-Xogħol

Il-forza tax-xogħol tirreferi għall-edukaturi kollha li jaħdmu direttament mat-tfal u l-familji tagħhom fl-ECEC, u toffri dispożizzjoni olistika li tagħti valur indaqs kemm lill-kura kif ukoll lill-edukazzjoni.

## 2.1 Forza tax-xogħol ikkwalifikata

2.1.1 Forniment suffiċjenti ta' edukaturi tal-ECEC ikkwalifikati biex jissodisfaw id-domanda fi ħdan is-settur.

2.1.2 Reklutaġġ tal-edukaturi fis-settings kollha tal-ECEC li jkunu kisbu r-rekwiżiti ta' kwalifika minima inizjali rilevanti għar-rwol tagħhom fis-setting.

2.1.3 Rekwiżiti ta' kwalifiki minima għar-rwoli differenti tal-edukaturi tal-ECEC fis-settur kollu kif maqbul.

2.1.4 Edukaturi tal-ECEC li huma proficjenti fil-Malti u fl-Ingliż.

## 2.2 Forza tax-xogħol imħallta bejn is-sessi

2.2.1 Preżenza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fost l-edukaturi tal-ECEC sabiex l-edukazzjoni u l-kura jkunu jistgħu jibbenefikaw minn forza tax-xogħol imħallta bejn is-sessi.

## 2.3 Taħriġ inizjali u żvilupp professjonali

2.3.1 Qafas ta' kwalifiki sistemiku li jgħin biex tinħoloq aġenda kondiviża u fehim tal-kwalità meta jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ inizjali u ta' tagħlim professjonali kontinwu għall-edukaturi kollha fis-settur tal-ECEC.

2.3.2 Opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għall-edukaturi tal-ECEC li jaħdmu direttament mat-tfal. Dawn jeħtieġ li jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-edukaturi kif identifikati mit-tmexxija tal-ECEC.

2.3.3 Il-parteċipazzjoni tal-edukaturi kollha tal-ECEC f'opportunitajiet ta' tagħlim professjonali kontinwu obbligatorji u volontarji ppjanati tajjeb u aċċessibbli li jiġġeneraw ħsieb riflettiv u jsostnu t-tkabbir professjonali.

2.3.4 Monitoraġġ u mentoraġġ regolari li jappoġġja lill-edukaturi tal-ECEC u jnaqqas id-distakk bejn it-teorija u l-prattika.

2.3.5 Fora regolari u strutturati għall-edukaturi tal-ECEC biex jikkollaboraw, jiddiskutu u jikkondividu prattiki tajbin.

## 2.4 Il-professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol

2.4.1 Stima u konsiderazzjoni ta' livell għoli lejn is-settur tal-ECEC biex jiġu attirati persuni xierqa biex jiksbu kwalifiki, jiġu rreklutati u miżmuma f'din il-professjoni.

2.4.2 Perkorsi ċari ta' karriera għall-kwalifiki b'punti ta' dħul u rotot ta' progressjoni differenti għall-edukaturi kollha prospettivi u dawk li diġà huma impjegati fl-ECEC li jaħdmu fi rwoli u settings differenti.

2.4.3 Rimunerazzjoni u kundizzjonijiet ta' xogħol li jattiraw l-aħjar talent, jirrikonoxxu l-kwalifiki, l-esperjenza, ir-responsabbiltajiet, u l-parità, għall-edukaturi kollha li jaħdmu f'settings differenti fi ħdan is-settur tal-edukazzjoni.



# Għan 3: Kurrikulu

Kurrikulu tal-ECEC, imsejjes fuq qafas nazzjonali integrat, jirreferi għall-esperjenzi ppjanati u spontanji, li joħorġu mil-logħob u l-interazzjonijiet tat-tfal, li jippermetti lit-tfal jiksbu l-kisbiet mixtieqa mit-tagħlim. Ambjenti ta' tagħlim universali mfassla tajjeb, ir-riżorsi u l-gwida tal-edukaturi, l-osservazzjonijiet u l-assessjar awtentiku huma integrali għal dan il-kurrikulu.

## 3.1 Kurrikulu għat-tfal kollha

3.1.1 Kurrikulu li jitbiegħed mill-one-size-fits-all, huwa mfassal b'mod konġunt mat-tfal żgħar u implimentat bid-drittijiet, l-interessi, u l-benesseri ta' kull tifel u tifla f'moħħna.

3.1.2 Kurrikulu ta' ħarsien u tagħlim li huwa bbilanċjat tajjeb u li jappoġġja l-benesseri tat-tfal, jippromwovi l-iżvilupp fiżiku, soċjali, emozzjonali, konjittiv, morali, spiritwali, lingwistiku u kreattiv tagħhom, u jgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.

3.1.3 Qafas ta' kurrikulu tal-ECEC għat-tfal kollha li huwa integrat, li jiżgura l-kontinwità, tranżizzjonijiet bla xkiel, u progressjonifit-tagħlim u fl-iżvilupp tat-tfal fis-settings differenti tal-ECEC li jibdew mid-dar, saċ-childcare, sal-kindergarten u l-primarja bikrija. Dan il-kurrikulu huwa msawwar mill-komponenti ewlenin, mill-valuri u l-prinċipji tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd (MEDE, 2012) b'enfasi partikolari fuq il-ħames kisbiet wiesgħa tat-tagħlim taċ-ċiklu tas-Snin Bikrin kif rifless fil-Qafas tal-Kisbiet tat-Tagħlim.

## 3.2 L-esperjenzi tat-tagħlim

3.2.1 It-tfal huma rikonoxxuti bħala detenturi tad-drittijiet, parteċipanti attivi, u studenti kapaċi, fiċ-ċentru tal-esperjenzi kollha tat-tagħlim li jrawmu stili ta' ħajja sostenibbli u li jagħtu s-setgħa lit-tfal biex jipparteċipaw bħala ċittadini globali.

3.2.2 It-tfal huma pprovduti b'ħarsien u esperjenzi ta' tagħlim permezz ta' interazzjonijiet sinifikanti, kreattivi u ta' appoġġ mill-edukaturi tagħhom.

3.2.3 It-tfal jingħataw l-opportunità li jikkomunikaw is-sentimenti, il-fehmiet u l-ħsibijiet tagħhom li huma rikonoxxuti u apprezzati mill-edukaturi tagħhom permezz tal-pedagoġija tas-smigħ. B'dan il-mod, il-vuċijiet u l-għażliet tat-tfal jingħataw prijorità biex jiddeterminaw l-kors tal-logħob u l-esperjenzi ta' tagħlim u biex jgħinuhom jiżviluppaw il-kunċett tagħhom infushom, l-awtostima u l-awtoregolamentazzjoni tagħhom.

3.2.4 It-tfal jesperjenzaw it-tagħlim permezz ta' firxa wiesgħa ta' opportunitajiet li tippermettilhom li jiskopru l-affarijiet waħedhom, tagħlim ibbażat fuq il-logħob, imfassla biex (a) jirrispondu għall-interessi emerġenti tat-tfal, il-ħtiġijiet u l-potenzjal tat-tagħlim tagħhom, (b) jistimulaw is-sens ta' stagħġib, il-ħsieb, il-kurżità, u l-motivazzjoni biex jitgħallmu, u (ċ) jippermettu l-progress tagħhom fit-tagħlim u l-iżvilupp lejn il-kisbiet mixtieqa tat-tagħlim.

3.2.5 Ambjent rikk fil-lingwa kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li jsaħħaħ l-istima personali tat-tfal bħala studenti bilingwi u jappoġġja l-lingwi nattivi l-oħra kollha li mhumiex il-Malti u l-Ingliż.

3.2.6 Opportunitajiet sinifikanti għat-tagħlim dwar, ma', u permezz tat-teknoloġija diġitali biex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' repertorji komunikattivi ta' multilitteriżmu responsabbli li jippermetti l-parteċipazzjoni b'suċċess tat-tfal f'soċjetà diġitali.

3.2.7 Osservazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u dokumentazzjoni tat-tagħlim tat-tfal u l-iżvilupp olistiku b'mod li jissaħħaħ it-tajjeb, jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju, jiġu eliminati l-ostakli, u jiġu pprovduti b'appoġġ u servizzi addizzjonali jekk ikun meħtieġ.

## 3.3 L-ambjent tat-tagħlim

3.3.1 Ambjent ta' kura u tagħlim, kemm ġewwa kif ukoll barra, li jrawwem sens ta' appartenenza u li huwa mfassal tajjeb u organizzat minn adulti sensittivi biex jippromwovi tagħlim sinifikanti, esplorazzjoni kreattiva u ħsieb komputazzjonali. Ambjent ta' tagħlim li huwa sikur u li jirreaġixxi għall-individwalità unika tat-tfal kollha, u li jiffaċilita l-kompetenzi soċjali tagħhom.

3.3.2 Oqsma ta' tagħlim, riżorsi, u materjali li huma kontinwament riveduti biex (a) jissodisfaw l-interessi u l-ħtiġijiet li qed jevolvu tat-tfal, (b) jipprovdu firxa wiesgħa ta' opportunitajiet għall-esplorazzjoni, il-kreattività u l-iskoperta indipendenti u fi gruppi, u (ċ) jiffaċilitaw tagħlim sinifikanti u bi skop fl-oqsma kollha tal-iżvilupp u fl-oqsma kollha tat-tagħlim.

3.3.3 Ambjent ta' tagħlim li jippromwovi l-parteċipazzjoni attiva u l-involviment tat-tfal permezz ta' pedagoġiji bbażati fuq il-logħob u jiffaċilita l-iżvilupp olistiku u l-benesseri ġenerali tat-tfal kollha.

3.3.4 Approċċ fis-setting kollu għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' prattiki sostenibbli u ekoloġiċi.

3.3.5 Atmosfera ta' tagħlim li tirrispetta l-benesseri tat-tfal u, permezz ta' approċċ koerenti, tippromwovi l-imġiba pożittiva tat-tfal lejn xulxin u lejn l-edukaturi tagħhom.

3.3.6 Ambjent ta' tagħlim li jippermetti l-involviment tat-tfal ma' diversi forom tal-midja għal skopijiet komunikattivi. Tħaddin ta' approċċ ibbilanċjat u emerġenti għall-użu ta' sistemi lingwistiċi, simboli, mudelli u prattiki diġitali differenti.

## 3.4 Kollaborazzjoni mal-familja u l-professjonisti

3.4.1 Il-familji kollha għandhom jiġu vvalutati bħala l-imsieħba l-aktar importanti tal-edukaturi fit-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal u għandhom jiġu appoġġati fit-twettiq tar-rwol tagħhom bħala dawk li jagħtu l-ħarsien u l-edukazzjoni.

3.4.2 Il-progress fit-tagħlim u l-iżvilupp jinqasam perjodikament mal-ġenituri permezz ta' konsultazzjoni, involviment attiv, u involviment tal-familji fl-aspetti kollha tal-esperjenzi tat-tagħlim u l-kura tat-tfal tagħhom.

3.4.3 Kollaborazzjoni u involviment ma' professjonisti mill-komunità usa' sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet olistiċi ta' kull tifel u tifla.



# Għan 4: Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jirreferu għall-proċess regolari u kontinwu ta' kwalità li jiżgura l-provvediment tas-servizzi tal-ECEC fil-livelli kollha u jinvolvi l-ġbir u l-analiżi kontinwi u sistematiċi tad-data ġġenerata li tinvolvi lill-partijiet interessati ewlenin kollha, u b'hekk isir sforz biex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-partijiet interessati ewlenin fl-aħjar interess ta' kull tifel u tifla.

### 4.1 Monitoraġġ u evalwazzjoni esterni tal-kwalità kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tas-servizz

4.1.1 Monitoraġġ u evalwazzjoni regolari tad-dispożizzjoni tas-servizzi vis-a-vis l-istandards nazzjonali, inkluża l-evalwazzjoni tar-rekords tat-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal, bl-involviment tal-partijiet interessati kollha matul il-proċess, biex tiġi żgurata l-kwalità strutturali, proċesswali u tal-kisbiet mit-tagħlim fis-settings kollha tal-ECEC.

4.1.2 Żvilupp ta' indikaturi ta' evalwazzjoni, li jirriflettu evidenza aġġornata tar-riċerka dwar x'jikkonsisti servizz ta' kwalità għolja tal-ECEC u li ssostni l-viżjoni nazzjonali għall-ECEC.

4.1.3 L-iżvilupp ta' sistema konġunta ta' monitoraġġ fost il-ministeri/entitajiet biex tipprovdi stampa aktar olistika tal-progress u tiġġenera informazzjoni li tippermetti teħid ta' deċiżjonijiet transsettorjali.

### 4.2 Monitoraġġ u evalwazzjoni interni tal-kwalità mill-fornituri tas-servizzi tal-ECEC

4.2.1 Żvilupp ta' għodod awtoevalwattivi għas-settings differenti tal-ECEC biex jevalwaw, jirriflettu u jtejbu l-kwalità strutturali, proċesswali u l-eżiti tal-forniment tagħhom, fir-rigward tal-viżjoni tas-setting u l-politiki u l-istandards nazzjonali tal-ECEC.

4.2.2 Tmexxija tal-ECEC li tissorvelja u tevalwa regolarment il-kwalità tal-istaff, tidentifika modi kif jittejbu l-prattiki, u tiggwida l-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda għal provvediment ta' kwalità aħjar.

4.2.3 Evalwazzjoni u analiżi individwali u kollettiva tal-prattiki fi ħdan is-settings tal-ECEC, abbażi tal-evidenza u b'kunsiderazzjoni tal-partijiet interessati kollha (inkluż it-tfal, il-familji u l-edukaturi), biex jinfurmaw u jiggwidaw it-titjib.

### 4.3 Ġbir ta' data

4.3.1 Sistema ta' informazzjoni nazzjonali sabiex data kwantitattiva u kwalitattiva aġġornata regolarment, li tiġi ġġenerata mill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni esterni u interni tas-servizzi tal-ECEC hija:

a. miġbura b'mod sistematiku u regolari, u użata biex tappoġġa l-ippjanar, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, ir-reviżjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-forniment tas-servizz tal-ECEC ta' kwalità għolja fil-livelli kollha fis-sistema,

b. użata għat-tqassim u l-użu tar-riżorsi fil-livelli kollha, u b'hekk tiżdied il-kosteffettività u r-riżultati mtejba għat-tfal kollha,

ċ. użata biex ikunu żviluppati u implimentati b'mod effettiv il-politiki, il-programmi u s-servizzi nazzjonali tal-ECEC, kif ukoll għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-familja, tas-suq tax-xogħol u tal-edukazzjoni,

d. magħmula disponibbli biex tiżgura r-responsabbiltà u t-trasparenza għal provvediment ta' ECEC ta' kwalità mtejba.

## 4.4 Tagħlim u żvilupp professjonali għar-reviżuri esterni

4.4.1 Opportunitajiet ta' tagħlim professjonali kontinwi għar-reviżuri esterni biex itejbu l-konsistenza u l-oġġettività fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-forniment tas-servizzi tal-ECEC.

4.4.2 Opportunitajiet ta' tagħlim professjonali kontinwu għall-individwi li qed jakkreditaw u jimmonitorjaw il-kwalifiki tal-edukaturi tal-ECEC biex itejbu l-konsistenza u l-oġġettività.

## 4.5 Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi ta' studju inizjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-edukaturi tal-ECEC

4.5.1 Monitoraġġ u evalwazzjoni regolari interni u esterni tal-kontenut u t-twassil tal-programmi ta' studju inizjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ organizzati minn entitajiet differenti għal edukaturi prospettivi tal-ECEC, biex tiġi żgurata tħejjija professjonali inizjali ta' kwalità għolja.

## 4.6 Informazzjoni li hija aċċessibbli faċilment u aġġornata regolarment relatata mal-ECEC.

4.6.1 Mezzi ta' komunikazzjoni ċari għall-ġenituri biex jesprimu t-tħassib tagħhom u jipprovdu feedback.



# Għan 5: Governanza u Finanzjament

Il-governanza tal-ECEC tirreferi għall-istruttura organizzattiva tal-pajjiż, l-awtorità u r-responsabbiltà għall-formulazzjoni tal-politika, l-ippjanar strateġiku, ir-regolamentazzjoni, ir-riżorsi, il-finanzjament, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-forniment tas-servizz tal-ECEC iffinanzjat pubblikament.

## 5.1 Viżjoni komuni u aspettattivi ċari

5.1.1 Viżjoni komuni li hija mibnija fuq l-għarfien, il-prattiki u l-valuri kondiviżi u li għandha aspettattivi ċari dwar il-kwalità tal-istruttura, il-proċess u r-riżultati tal-ECEC.

5.1.2 Komunikazzjoni regolari u effettiva dwar il-viżjoni u l-aspettattivi komuni, li tinfirex fil-livelli kollha fi ħdan sistema kompetenti, biex jinħoloq sens ta' skop kondiviż f'konformità mal-viżjoni olistika nazzjonali.

## 5.2 Koordinazzjoni u kollaborazzjoni effettivi f'diversi setturi

5.2.1 Sistema kompetenti li teħtieġ approċċ integrat mill-gvern u mis-soċjetà sħiħa għas-servizzi tal-ECEC u li tkun żviluppata fuq il-kompetenzi u r-relazzjonijiet reċiproċi fost l-individwi, it-timijiet, l-istituzzjonijiet u kuntest soċjo¬ ekonomiku u politiku usa'.

5.2.2 Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni multisettorjali b'riżorsi tajbin u ta' livell għoli li jikkoordina l-politiki, il-baġits, il-pjanijiet operattivi, l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol, il-pakketti ta' taħriġ u l-għodod fis-settur tal-ECEC.

## 5.3 Investiment finanzjarju sostnut

5.3.1 Investiment finanzjarju sostnut għall-professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol tal-ECEC li jippermetti:

a. it-titjib tal-kwalità, l-affordabbiltà, u l-aċċessibbiltà tal-programmi ta' studju ta' edukazzjoni u taħriġ inizjali;

b. it-titjib tal-kwalità, l-affordabbiltà, u l-aċċessibbiltà tat-tagħlim professjonali matul l-in-service practice; u

ċ. appoġġ lill-edukaturi kwalifikati u kompetenti tal-ECEC b'rimunerazzjoni finanzjarja xierqa li tkun komparabbli bejn is-settings.

5.3.2 Investiment finanzjarju sostnut biex jappoġġja l-aċċess għal gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari tfal b'diżabilità u dawk meqjusa bħala vulnerabbli jew emarġinati.

## 5.4 Pjattaforma nazzjonali dwar it-tagħlim u r-riċerka

5.4.1 Pjattaforma nazzjonali ffukata fuq it-tagħlim u r-riċerka, li tidentifika l-prijoritajiet lokali tar-riċerka tal-ECEC, twettaq din ir-riċerka, u tiddokumenta u tippubblika s-sejbiet tar-riċerka u t-tagħlimiet meħuda.

5.4.2 Kollaborazzjoni regolari ma' entitajiet u partijiet interessati oħra li jwettqu riċerka professjonali.

5.4.3 Edukaturi tal-ECEC bħala kontributuri primarji u li jinstigaw riċerka rilevanti għall-prattiki attwali.



# Referenzi

Assemblea Ġenerali tan-NU, *Convention on the Rights of the Child*, 20 ta' Novembru 1989, Nazzjonijiet Uniti, Serje ta' Trattati, Vol. 1577, p. 3

Bruckauf, Z. & Cook. S. (2017) *Child-centred Approach to Sustainable Development Goals in High income Countries: Conceptual Issues and Monitoring Approaches*. Dokument ta' Ħidma ta' Innocenti 201706, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF — Innocenti, Firenze.

Ċentru dwar it-Tfal li qed Jiżviluppaw fl-Università ta' Harvard (2017). *Three Principles to Improve Outcomes for Children and Families.* http://www.developingchild.harvard.edu

Eurofound (2015) *Early childhood care: Accessibility and quality of services.* Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Eurofound (2015) *Working conditions, training of early childhood care workers and quality of services – A systematic review.* Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Fullan, M. (2016) *The New Meaning of Educational Change (5th Edition)* New York, NY: Teachers College Press.

Heckman,J. (2020) disponibbli online fuq https://heckmanequation.org/resource/the-heckman-curve/

Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (2021). *Toolkit for inclusive early childhood education and care: Providing high quality education and care to all young children.* Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura, il-Kummissjoni Ewropea (2014). *Proposal for key principles of a Quality Framework for Early Childhood Education and Care, Report of the Working Group on Early Childhood Education and Care under the auspices of the European Commission.*

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, 2019. *Key Data on Early Childhood Education and Care in Europe – 2019 Edition.* Rapport tal-Eurydice. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea, 2011. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: *Early Childhood Education and Care: Providing all our children with the best start for the world of tomorrow.*

Il-Kunsill tal-Ewropa, *European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, as amended by Protocols Nos. 11 and 14,* 4 ta' Novembru 1950, ETS 5

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2018). Konklużjonijiet ta' Politika mir-Reviżjoni Tematika dwar il-Policy *Conclusions from the Thematic Review on Integrated early childhood development policies as a tool for reducing poverty and promoting social inclusion.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) *Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal f'Malta: It-triq 'il quddiem.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2014). *Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014–2024: Insaħħu s-Sisien, Noħolqu Alternattivi, Inżidu l-Impjegabbiltà.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, (2014). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex.* Disponibbli online: http://education.gov.mt/en/ Documents/Literacy/ENGLISH.pdf

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2015). *Gwida għall-edukaturi fuq il-Pedagoġija u l-Assessjar — L-użu tal-Approċċ li Jiffoka fuq il-Kisbiet tat-Tagħlim: Sett ta' Għodod għaċ-Ċiklu ta' Snin Bikrin. Dipartiment għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) (2015). *Il-Politika Lingwistika għas-Snin Bikrin f'Malta u Għawdex. Il-Ħamrun: Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni (2012). *Il-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu għal Kulħadd*. Disponibbli online: http://curriculum. gov.mt/en/resources/the-ncf/pages/default.aspx

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, (2017). *Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim* fuq www. schoolslearningoutcomes.edu.mt/en/dashboard/early-years

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2019). *Politika dwar l-edukazzjoni inklużiva fl-iskejjel: it-triq lejn inklużjoni ta' kwalità. Il-Furjana.*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. (2019). *Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva. Il-Furjana*

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u x-Xogħol. (2006), *Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal — Politika Nazzjonali. Il-Furjana* (Sollars V Attard M Borg Craus B)

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. *L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja* 2020.

Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (2006). *Standards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum.*

In-Nazzjonijiet Uniti (2015). Transforming our World: *The 2030 Agenda for Sustainable Development*. New York, NY: In-Nazzjonijiet Uniti.

Ionescu, M., Tankersley, D., Trikic Z., & Vonta T. (2018) *A Systemic Approach to Quality in Early Childhood Services for children from 3 to 10 years of age*. Studju ta' Dokumentazzjoni fuq ix-Xogħol ta' ISSA dwar it-Titjib tal-Kwalità. Leiden: ISSA.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (2011) *Early Childhood Education and Care: Providing all our children with the best start for the world of tomorrow* /* COM/2011/0066 final */.

L-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017. *Inclusive Early Childhood Education: Literature Review*. (F. Bellour, P. Bartolo u M. Kyriazopoulou, eds.). Odense, id-Danimarka

Lag, A u Chan, M (2014) *Putting science into practice for early child development*. UNICEF & WHO: L-Iżvizzera

L-Akkademji Nazzjonali tax-Xjenzi, l-Inġinerija, u l-Mediċina (2018). *Transforming the Financing of Early Care and Education*. Washington, DC: The National Academies Press. https://doi. org/10.17226/24984

Lekkai, I. (2016) Id-dritt tat-tfal li jipparteċipaw fl-edukazzjoni bikrija. *IOSR Journal of Humanities and Social Science* (IOSR-JHSS) Vol. 21 (1) Ver. 1 (Diċembru 2016) pp. 14–22.

Litjens, I. u M. Taguma (2010), *Revised Literature Overview for the 7th Meeting of the Network on Early Childhood Education and Care*, EDU/EDPC/ECEC (2010)3/REV1, Pariġi: OECD.

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (2018). *Nurturing Care for Early Childhood Development: A Framework for Helping Children Survive and Thrive to Transform Health and Human Potential. World Health Organisation*

Lund, Stig.G., Peeters, J., u Van Laere, K. (2013) Valutazzjoni tax-xogħol: professjoni 0–6 u parità mal-għalliema tal-iskejjel. *Young children and their services: developing a European approach. A Children in Europe Policy Paper* prinċipju 8.

McDowell, K.; Jack, A. & Compton, M. (2018) *L-Involviment tal-Ġenituri fil-Pre-Kindergarten u l-Effetti fuq il-Kisba tal-Istudenti*, The Advocate: Il-Vol. 23: Nru 6. https://doi.org/10.4148/2637-4552.1004

Meyer, A., Rose, D.H., & Gordon, D. (2014). *Universal Design for Learning: Theory and Practice.* Wakefield, MA: CAST.

Miller, L., Cameron, C., Dalli C. & Barbour, N. (2018) (eds) *The SAGE Handbook of Early Childhood Policy*. Londra: SAGE

OECD (2018) *Early Learning Matters*. OECD http://www.oecd.org/education/school/Early-Learning-Matters-Project-Brochure.pdf

Paananen, M. (2019) *L-Aċċess ekwitabbli fl-ECEC huwa ta'valur?* Dokument ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Edukazzjoni fi Brussell, 8 ta' Novembru 2019.

Peeters, J., Sharmahd, J. u Budginaite I. (2016) *Professionalisation of Childcare Assistants in Early Childhood Education and Care* (ECEC): Pathways towards Qualification. Rapport NESET II, il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. doi: 10.2766/898530

Pramling Samuelsson, I. & Siraj-Blatchford, J. (2015) Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli Fl-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: Dokument ta' Sfond tal-UNESCO disponibbli online: https://www. researchgate.net/publication/283152509_Education_for_Sustainable_Development_in_Early_ Childhood_Care_and_Education_A_UNESCO_Background_Paper

Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ewropea (2015). Il-Proposta ta' Qafas ta' Kwalità tal-ECEC għall-prinċipji ewlenin ta' Qafas ta' Kwalità għall-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal fil-file:///C:/Users/Schools_home/Documents/ POLICY%20ECEC/ecec-quality-framework_en.pdf

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (2019) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal ta' Kwalità Għolja adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Mejju 2019. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CONSIL:ST_9014_2019_INIT&from=EN

Siraj-Blatchford, J., Smith, K.C. & Pramling Samuelsson, I. (2010) *Education for Sustainable Development in the Early Years*. Gothenburg: L-Organizzazzjoni Dinjija għall-Edukazzjoni Bikrija tat-Tfal (OMEP)

Sollars, V. 2017. *"Malta – ECEC Workforce Profile." Minn Workforce Profiles in Systems of Early Childhood Education and Care in Europe*, P.Oberhuemer u I. Schreyer (eds). www.seepro.eu/English/Country_Reports.htm

Strycharz-Banas, A., Dalli, C., & Meyerhoff, M. (2020) Trajettorja ta' appartenenza: negozjar ta' kunflitt u identità f'ċentru tat-tfulija bikrija, Early Years DOI

Taguma, M, Litens, I & Makowiecki, K. (2013). *Quality Matters in Early Childhood Education and Care*. L-Iżvezja: OECD.

UNESCO-L-Uffiċċju Internazzjonali tal-Edukazzjoni (2008). *Inclusive Education: The Way of the Future*. Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tat-48 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni. Pariġi: UNESCO.

Unver, O., Bircan, T. and Nicaise, E. (2018) L-aċċessibilità pperċepita fiċ-childcare fl-Ewropa: studju f'diversi livelli bejn il-pajjiżi, *International Journal of Child Care and Education Policy*, 12:5 https://doi. org/10.1186/s40723-018-0044-3

Urban, M., Vandenbroeck, M., Peeters, J., Lazzari, A. & Van Laere, K. (2011). *Competence requirements in early childhood education and care*. Brussell: Il-Kummissjoni Ewropea.

Urban, M., Vandenbroeck, M., Peeters, J., Lazzari, A. & Van Laere, K. (2012) *Towards Competent Systems in ECEC. Implications for Policy and Practice*. Il-Ġurnal Ewropew tal-Edukazzjoni Vol. 47 Nru 4.

Urban, M., Cardini, A. u Florez Romero, R. (2018). Hemm bżonn aktar minn raħal. Servizzi Effettivi ta' Edukazzjoni u Kura fl-Iżvilupp Bikri tat-Tfal, jeħtieġu sistema kompetenti. *The Future of Work and Education for the Digital Age*. T20 l-Arġentina, 2018.

Urban, M., Cardini, A., Guevara, J., Okengo, L. and Florez Romero, R. (2019) Żvilupp fl-Edukazzjoni u l-Kura tas-Snin Bikrin: Il-Futur huwa dak li nibnu llum, minn *Realizing Education for All in the Digital Age*, G20, 2019 il-Ġappun. Japan, Asian Development Bank Institute

Vandenbroeck, M., Lenaerts, K., Beblavy, M. (2018) *Benefits of Early Childhood Education and Care and the conditions for obtaining them*. Rapport Analitiku tal-EENEE Nru 32. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/14194adcfc04–11e7-b8f5–01aa75ed71a1/language-en

Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni
Triq Joseph Abela Scolaro
Il-Ħamrun
HMR 1304
Email: customercare.dqse@gov.mt
Telefon: 2598 1400